MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2012

Numru 149/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Carmelo Refalo**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Refalo bin Victor u Theresa nee` Axiaq, imwieled fid-29 ta' Jannar 1975 u residenti fil-fond La Dolce Vita, Triq Santa Verna, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 4275(G) li biha gie imputat lilu li nhar is-16 ta' Awwissu 2009 ghal habta ta' 16:30hrs fl-inhawi ta' Kemmuna (il-Bajja ta' San Niklaw) kien qed isuq opra tal-bahar S 8017 b'aktar minn 10 knots f'distanza ta' inqas minn 200 metru mill-kosta.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-6 ta' Marzu, 2012 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-

imputat Carmelo Refalo hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' sitt mitt Euro (€600.00).

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmelo Refalo minnu prezentat fit-23 ta' Marzu 2012, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-imputat hati u kkundannatu multa ta' €600 u lliberat lill-imputat minn kull htija u piena skont il-ligi.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet il-provi prodotti.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fis-16 ta' Awwissu 2009 ghall-habta tal-4.30 pm PC 1023 A. Bugeja flimkien ma' Joseph Gatt u Salvu Grima, membri tal-Malta Maritime Authority, kienu fl-inhawi ta' San Nikol, Kemmuna. Hemmhekk osservaw bicca tal-bahar (*speedboat*) ghaddejja b'velocita' ta' aktar minn 10 Nodi li hi akbar minn dik permessa mill-ligi u peress li kienet vicin hafna tal-kosta u cioe' f'inqas minn 200 metru minn mal-blat huma waqqfu li *speedboat*. In numru tal-i*speedboat* kien S-8017 u rrizulta li kien misjuq mill-imputat li gie avzat li kienu ser jittiehdu passi kontra tieghu bil-Qorti.

**7.** L-aggravju tal-appellant hu essenzjalment wiehed u jikkonsisti fis-sottomissjoni li meta wiehed jiehu in kunsiderazzjoni li l-piz tal-prova hu fuq il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-konvinciment morali l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi tali li l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

**Ikkunsidrat:**

**8.** Il-gurisprudenza fuq dan it-tip ta' aggravju hi ben nota u stabbilita u din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-kaz li toqghod

hawn tirrepetiha anki ghaliex l-appellant fir-rikors tieghu tal-appell juri li hu konxju ta’ din il-gurisprudenza.

**9.** Din il-Qorti qieghedha f’pozizzjoni tajba li taghmel l-ezercizzju rikjest minnha mill-gurisprudenza peress li hi stess semghet il-provi kollha prodotti fl-ewwel istanza.

**10.** Il-Qorti tibda biex tistqarr li l-ufficjali li jkunu fuq dan it-tip ta’ xoghol li jirrikjedi apprezzament ta’ velocita’ u distanzi ghandhom certament ikunu ferm ahjar ekwipaggjati ghall-kompitu li jridu jaqdu milli kienu l-ufficjali li kienu involuti fl-incident mertu ta’ dawn il-proceduri u li xehedu quddiem din il-Qorti. Dan ma jfissirx li fin-nuqqas ta’ tali ekwipaggiament il-prosekuzzjoni ma tistax’ xorta tasal biex tipprova l-kaz taghha izda certament il-kompitu taghha jigi facilitat jekk l-ufficjali responsabbli jkunu attrezzati ahjar.

**11.** Il-verzjonijiet moghtija quddiem din il-qorti mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u mill-imputat huma certament kontrastanti. Kemm PC 1023 Andrew Bugeja kif ukoll Joseph Gatt sostnew li l-imputat kien miexi bl-*ispeed boat* tieghu b’velocita’ in eccess ta’ dik permessa mill-ligi, u cioe’ b’aktar minn 10 Nodi  fl-inhawi ghaliex meta rawh kien vicin il-kosta f’distanza ta’ inqas minn 200 metru. It-tnejn xehedu li raw lill-imputat hiereg mill-bajja ta’ San Niklaw. PC Bugeja f’mument minnhom xehed li l-imputat appellant kien “vicin il-kosta ta’ San Niklaw” izda Joseph Gatt baqa’ jsostni li lill-imputat rawh hiereg mill-bajja ta’ San Niklaw.  Waqqfuh u wara rawh sejjer fid-direzzjoni tal-Blue Lagoon. Meta dahlu fil-Blue Lagoon sabuh hemm marbut mal-moll. Kemm PC 1023 u Joseph Gatt xehedu li l-bicca tal-bahar misjuqa mill-imputat necessarjament kienet ghaddejja b’velocita’ ta’ aktar minn 10 nodi ghaliex x’hin lemhuha kienet “tipplenja” u cioe’ tinqata’ minn wicc il-bahar u biex bicca tal-bahar bhal dik li kellu l-imputat b’mutur ta’ ‘l fuq minn 100 hp (skont Joseph Gatt kien ta’ 130 hp) biex “tipplenja” necessarjament kienet miexja b’velocita akbar minn 10 nodi. In kwantu ghad-distanza mill-kosta kemm PC Bugeja kif ukoll Joseph Gatt it-tnejn xehedu li principalment il-kalkolu taghhom kien fuq ghajnejhom u PC Bugeja ghamel uzu mill-fatt li huwa jaf li

ground tal-football huwa twil cirka 100 metru u ghalhekk 200 metru jfissru tul ta’ cirka zewg grounds tal-football. Ghalkemm it-tnejn ghamlu riferenza ghal xi bagi li seta kien hemm fl-inhawi t-tnejn kienu incerti dwar jekk fil-fatt fiz-zmien tal-incident dawn il-bagi kienux fil-post.

**12.** Minn naha tieghu l-imputat xehed li ma huwiex minnu li huwa kien hiereg mill-bajja ta’ San Niklaw izda kien gej minn wara Kemmuna sejjer lejn l-Imgarr Ghawdex. Xehed li ghalkemm kien sejjer lejn Ghawdex izda imbghad dahal il-Blue Lagoon biex jigbor xi cwievet. Huwa jghid li ghadda ‘l barra minn baga li kienet f’distanza ta’ xi 500 metru mill-kosta.

**13.** Wara li fliet bir-reqqa l-provi prodotti din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti ma taghtix affidament lill-imputat ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok l-imputat cahad b’mod kategoriku li huwa kien hiereg mill-bajja ta’ San Niklaw. Jekk kien hiereg mill-bajja ta’ San Niklaw allura huwa ferm verosimili dak li xehedu PC Bugeja u Joseph Gatt li fil-hin li rawh kien f’distanza ta’ inqas minn 200 metru mill-kosta. Dak li jidher li nesa l-imputat huwa li fir-rikors tal-appell tieghu dwar il-fatti fil-qosor li taw lok ghall-appell huwa jistqarr li “L-imputat kien hiereg mill-bajja ta’ San Niklaw…” Fix-xhieda tieghu l-imputat indika wkoll ir-rotta li kienet segwita mill-bicca tal-bahar li fuqha kien hemm PC Bugeja u Joseph Gatt. Din ir-rotta kif indikata minnu stess kienet gia vicin ferm tal-kosta u jekk wiehed iqis, kif jghid l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, li kien hiereg mill-bajja ta’ San Niklaw dan ikompli jsahhah ix-xhieda ta’ Bugeja u Gatt li meta raw lill-imputat dan kien f’distanza ta’ inqas minn 200 metru mill-kosta. L-appellant xehed li r-rotta tieghu kienet f’distanza ta’ aktar minn 500 metru mill-kosta. Kieku kien hekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif PC Bugeja u Joseph Gatt, it-tnejn persuni ta’ esperjenza f’dan il-qasam, setghu fixklu 500 metru ma’ 200 metru. Il-Qorti, inoltre, ma ghandhiex raguni ma tistrihx fuq il-velocita’ tal-*ispeedboat* tal-imputat appellant kif moghtija minn PC Bugeja u Joseph Gatt x’hin rawha hierga minn jew vicin il-kosta tal-bajja ta’ San Niklaw. Dawn huma t-tnejn persuni ta’ esperjenza fil-qasam u din il-Qorti ma ghandhiex raguni biex tiddubita li kienu u huma f’pozizzjoni li fuq l-

iskorta tal-esperjenza li ghandhom jghidu x'kienet il-velocita' tal-i*speedboat* in kwistjoni fil-hin li rawha. F'hin minnhom waqt il-kontroezami d-difiza ppruvat iggib in dubbju l-kapacita' tal-mutur tal-bahar li bih kienet attrezzata l-i*speedboat* tal-imputat fid-data tal-incident u dan evidentement sabiex titqieghed in dubbju dak li xehedu Bugeja u Gatt dwar l-ipplenjar u l-velocita' tal-i*speedboat*. Eventwalment, izda, meta xehed l-imputat appellant dan huwa stess stqarr u kkonferma li l-mutur li bih kienet attrezzata l-*ispeedboat* tieghu kien ta' 130 hp.

Fid-dawl tal-kunisderazzjonijiet msemmija din il-Qorti ma ssibx li l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti kien wiehed tali li dik il-Qorti ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk din il-Qorti ma ssibx ragunijiet bizzejjed sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti.

Ghall-motivi premessi l-appell tal-imputat Carmelo Refalo qieghed jigi respint u qed tigi konfermata s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------